MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1117/1993/2

**Mario BALDACCHINO, fil-kwalita' tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Lawrence Schembri**

**vs**

**Catherine mart Joseph Micallef minnu assistita, Alfred Schembri f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħuh assenti Victor Schembri, Joyce mart Lawrence Gatt minnu assistita, Marlene mart Francis Farruġia minnu assistita, Anthiny Schembri, Leonard Schembri, u Mark Schembri, ilkoll ulied il-mejjet Victor Schembri; u Joseph Schembri, Lina mart Joseph Griscti minnu assistita, u Rita Buġeja**

## Il-Qorti:

Dan huwa provvediment dwar rikors imressaq mill-intimati ritrattati fis-27 ta' April, 2006[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, huma talbu li din il-Qorti tħassar id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2004, li bih kienet laqgħet it-talba ta' Maria armla minn Mario Baldacchino sabiex jinħatru Kuraturi Deputati "*ad litem*" biex jirrappreżentaw l-eredita' ta' żewġha, u dan minħabba li l-imsemmi żewġha miet fit-30 ta' Diċembru, 2003, fil-mori ta' dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni;

Fir-rikors imressaq minn Maria Baldacchino fit-13 ta' April, 2004, hija kienet fissret li t-talba tagħha kienet motivata mill-fatt li żewġha kien qiegħed jidher fil-kawża bħala eżekutur testamentarju ta' Lawrence Schembri, u billi hija kienet legatarja u waħda mill-werrieta ta' l-istess Schembri, ma setgħetx titlob li l-ġudizzju jiġi trasfuż fil-persuna tagħha jew f'isem xi wieħed ieħor mill-partijiet fil-kawża;

It-talba ta' Maria Baldacchino ntlaqgħet b'degriet kamerali mogħti minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-15 ta' April, 2004[2]. Bis-saħħa ta' dak id-degriet, inħatru l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud bħala Kuraturi Deputati "*ad litem*" b'degriet ieħor tat-3 ta' Settembru, 2004[3], li, b'degriet tal-5 ta'Ottubru, 2004, ordna li jinħatar Prokuratur Legali sostitut minflok is-Sinjura Rossignaud, peress li hija diġa' kienet qegħda taġixxi bħala Prokuratur Legali tal-intimati ritrattati;

Il-kontenzjoni ewlenija tal-intimati fir-rikors tagħhom hija li, ladarba l-ħatra ta' eżekutur testamentarju ma tgħaddix fil-persuna tal-werrieta tiegħu[4], u ladarba wkoll fil-każ tal-mewt ta' eżekutur waħdien maħtur, l-eżekuzzjoni tal-wirt titħalla f'idejn il-werrieta[5], allura jiġi li t-talba ta' Maria

[1] Paġ. 139 tal-atti tar-Rikors għar-Ritrattazzjoni
[2] Paġ. 80
[3] Paġ. 95
[4] Art. 773 tal-Kap 16
[5] Art. 778 tal-Kap 16

Baldacchino biex jinħatru kuraturi "*ad litem*" kienet waħda irrita. Dan minbarra l-fatt li l-werrieta ta' Lawrence Schembri kienet oħtu u mhux Maria Baldacchino, li, allura, din tal-aħħar ma setgħetx lanqas biss ressqet ir-Rikors bit-talba għall-ħatra tal-imsemmija Kuraturi "*ad litem*";

Illi min-naħa tiegħu, il-Kuratur "*ad litem*" issottometta[6], li ladarba fiż-żmien meta nbdiet il-proċedura preżenti ta' ritrattazzjoni, l-eżekutur testamentarju kien għadu ħaj u kellu kull jedd li jressaq it-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-każ, il-mewt tiegħu fil-mori ta' tali proċedura ma kellhiex isservi biex iġġib fix-xejn dik il-proċedura, u għalhekk, ukoll kieku martu Maria Baldacchino ma kellhiex l-interess jew il-jedd li tagħmel talba għall-ħatra ta' kuraturi minflok żewġha, il-Qorti għandha s-setgħa li, minn jeddha taħtar kuraturi sabiex il-kawża tkun tista' titkompla tinstema' sat-tmiem tagħha;

Fir-Risposta tagħha tal-15 ta' Mejju, 2006[7], għar-rikors tal-intimati ritrattait, Maria Baldacchino, tiġġustifika t-talba tagħha għall-ħatra ta' kuraturi "*ad litem*" fuq il-bażi li, ladarba hija għandha interess fl-eżitu tal-kawża u ladarba hija tista' tkun werrieta kemm ta' Lawrence Schembri u kif ukoll ta'oħtu Pauline (u dan bis-saħħa ta' kawża oħra pendenti bejn il-partijiet[8], tabilfors kellhom jinħatru kuraturi indipendenti biex iħarsu l-interessi li l-eżekutur testamentarju Mario Baldacchino kellu fil-kawża, u liema interessi ma kinux l-istess bħal tal-partijiet l-oħrajn fil-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi fid-determinazzjoni ta' dan l-episodju proċedurali, din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandha bl-ebda mod tippronunċja ruħha dwar xi aspett sostantiv li jolqot il-kwestjoni tal-validita' tal-aħħar testment ta' Pauline Schembri jew li jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża l-oħra pendenti

---
[6] Paġ. 142
[7] Paġ. 144
[8] Ċitazz. Nru.1009/90GV li tinsab imħollija għall-kontinwazzjoni għat-30 ta' Ottubru, 2006

bejn il-partijiet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan qiegħed jingħad biex iħalli impreġudikata l-kwestjoni dwar min huma l-werrieta tal-imsemmija Pauline Schembri, li, min-naħa tagħha kienet il-werrieta universali waħdanija ta' ħuha Lawrence, ta' liema wirt Mario Baldacchino kien maħtur eżekutur;

Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-kwestjoni li għandha quddiemha hija, fil-qofol tagħha, waħda li tirrigwarda l-integrita' tal-ġudizzju u kif ukoll l-aspett tal-effett tal-mewt ta' parti fil-kawża fuq il-mixi 'l quddiem tal-istess kawża. Tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-fatt li l-kawża li tagħha qiegħed jintalab is-smigħ mill-ġdid kienet kawża ta' re-integrazzjoni ta' pussess;

Illi ma hemm l-ebda dubju li Mario Baldacchino, bħala eżekutur testamentarju tal-wirt ta' Lawrence Schembri kellu l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressaq it-talba tar-ritrattazzjoni tal-kawża. Il-mewt tiegħu f'Diċembru tal-2003, jiġifieri fil-mori ta' din il-kawża, ma temmitx l-għan li għalih huwa kien inħatar – jiġifieri li jwettaq il-likwidazzjoni tal-wirt tad-*decuius* Lawrence Schembri. Bl-akbar rigward lejn l-argument tal-intimati ritrattati, il-mewt ta' eżekutur testamentarju ma ttemmx l-eżekutorija, imma tgħaddiha fil-werrieta tat-testatur mejjet. Jiġifieri l-interessi li kellu l-eżekutur fit-twettiq tal-ħatra tiegħu ma jintemmux ma' mewtu. U l-liġi nnifisha trid li, fejn m'hemmx fehma waħda mill-werrieta dwar kif tali eżekutorija tissokta, l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża, għal raġuni tajba fuq talba ta' min jista' jkollu interess, taħtar minflok, persuna oħra[9] bhala ezekutur;

Illi, minbarra dan, il-liġi ma tridx li kawża istruwita sewwa fil-bidu tagħha titħalla taqa' u tisfuma fix-xejn, sakemm dan ma jsirx fl-ambitu tal-ligi, bhal meta jkun hemm ir-rinunzja għall-atti minn xi waħda mill-partijiet infushom[10]. Mhux hekk biss, imma l-liġi nnifisha tipprovdi li, fejn parti f'kawża tiġi nieqsa u ħadd ma jitlob li jidħol fil-kawża minflokha jew ħadd ma jiddikjara li fi ħsiebu jkompli l-kawża minflok dik il-parti, il-Qorti tawtorizza l-

[9] Art. 778 tal-Kap 16
[10] Artt.906-7 tal-Kap 12

kontinwazzjoni tal-kawza mill-werrieta presuntivi jew minn kuraturi biex jirrappreżentaw l-interess tal-parti li tkun mietet fil-mori[11];

Illi dan jgħodd ukoll fejn il-jedd involut fil-kawża tal-parti li tiġi nieqsa jkun wieħed personali. Dan għaliex l-għan ewlieni tat-trasfużjoni "*is not merely that of providing for the interest of the deceased, but rather that of reinstating the judicial relation*"[12];

Illi dan kollu jixhed li safejn ma jkunx indikat mod ieħor, ladarba kawża titressaq għas-smigħ quddiem Qorti, dik il-kawża għandha tibqa' titmexxa 'l quddiem sad-deċiżjoni finali u għandu jkun assikurat li jittieħdu l-mezzi kollha li tippermetti l-liġi biex, f'kull waqt, il-proċess ikun integru u l-interessi diverġenti tal-partijiet ikunu rappreżentati kif imiss;

Illi l-Qorti jidhrilha li r-rikors ta' Maria armla ta' Mario Baldacchino tat-13 ta' April 2004 (a fol. 79) kellu jkun notifikat lill-werrieta presuntivi kollha u mhux lil Lina Grixti biss, kif effettivament sar. Dawn il-werrieta prezuntivi kellhom jinghataw terminu ta' xahar li fih kellhom jiddikjaraw jekk humiex bi hsiebhom li jkomplu l-kawza (art 807(2) Kap. 12).

Illi, l-Qorti hija tal-fehma li d-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2004, kien miżura immirata għall-ħarsien tal-integrita' tal-proċess ġudizzjarju izda billi ma gewx segwiti strettament d-dettami ta' l-imsemmija dispozizzjoni huwa mehtieg li l-istess digriet jigi revokat "contrario imperio" biex il-partijiet jitpoggew fl-istat li kienu fih qabel ma inghata l-istess digriet. Illi jirrizulta abbundantement mill-atti, li bejn dawk interessati f'din il-kawza u/jew l-eredi presuntivi jezistu interessi konfligenti u ghalhekk din il-Qorti ma teskludix li fi stadju ulterjuri jkun mehtieg in-nomina ta' kuratur, okkorrendo fis-sens ta' l-Artikolu 810(2) tal-Kap. 12, biex tassigura li l-gudizzju jkun verament integru.

---

[11] Art. 807(3) tal-Kap 12
[12] *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1285

Ghal dawn il-motivi: il-Qorti qeghdha f’dan is-sens tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmi digriet taghha fil-15 ta’ April 2004 kif ukoll dawk sussegwenti tat-3 ta’ Settembru 2004 u tal-5 ta’ Ottubru 2004, u qeghdha tordna ai termini ta’ l-artikolu 807(2) tal-Kap. 12, li l-imsemmi rikors ta’ Marija Baldacchino tat-13 ta’ April 2004 jigi, a kura u spejjez provizorjament taghha, notifikat lill-werrieta prezuntivi kollha li jkollhom terminu ta’ xahar biex permezz ta’ nota f’dawn l-atti jiddikjaraw jekk humiex bi hsiebhom ikomplu l-kawza.  Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------